MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## PHILIP MANDUCA

Seduta tas-17 ta' Frar, 2003

Talba Numru. 940/2002/1

**Louis J. Grech & Company Limited**

**Vs**

**Miriam Micallef Zammit**

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz fejn is-socjeta' attrici talbet il-hlas ta' Lm171.24c (mija u wiehed u sebghin lira Maltin u erbgha u ghoxrin centezmu) rapprezentanti bilanc ta' somma akbar ta' merkanzija lilha mibjugha u kkonsenjata.

Ra r-risposta tal-konvenuta fejn il-konvenuta qalet li "hemm merkanzija li nghatat lis-socjeta' attrici mill-konvenuta u l-valur ta' tali merkanzija ma gietx kreditata a favur tal-konvenuta".

Il-konvenuta qalet ukoll li s-socjeta' attrici accettat li tiehu lura ammont ta' merkanzija li jikkonsisti f'mug stands

difettuzi, xkaffar li ma gewx bl- accessorji, izda sal-lum is-socjeta’ attrici qatt ma hadet din il-merkanzija.

Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, il-merkanzija mibjugha lill-konvenuta kienet diffettuza.

Sema’ x-xhieda w ezamina d-dokumenti esebiti.

Ikkunsidra li Keith Grech Sant ghas-socjeta’ attrici esebixxa l-invoice in kwistjoni u qal li hu ghamel id-delivery u ma kienx hemm ilmenti mill-konvenuta.

Illi fix-xhieda taghha l-konvenuta qalet :

“Jiena naqbel mal-invoice u cioe li jiena ghandi nhallas l-ammont imsemmi fl-invoice izda jiena kont naf li se nieqaf nahdem f’dan il-hanut. Allura jiena hassejt li billi kont nghid lis-socjeta’ attrici li kelli hafna items damaged u kelli hafna items returned. Meta kont nghidlu biex jehodhom hu kien jghidli “mhux se mmur l-istores illum izda darba nehodhom”.

Il-konvenuta qalet ukoll li dawk l-items li hi tixtieq tirritorna kienu nxtraw “izjed minn tlett snin ilu”.

Ikkunsidra li l-konvenuta stess qalet li taqbel mal-invoice. Illi f’din il-kawza ma hemmx kontro-talba. L-konvenuta naqset li tipprova li rritornat xi merkanzija jew ddepositat l-istess fil-Qorti.

Il-konvenuta tghid li ma rritornatx l-items ghaliex rapprezentant tas-socjeta’ attrici kellu jmur ghalihom. Illi l-konvenuta tghid ukoll li qatt ma kitbet lis-socjeta’ attrici dwar l-ilmenti taghha u dan ghalkemm kienet tircievi statement kull xahar biex thallas.

Illi l-konvenuta naqset li tipprova l-allegazzjonijiet taghha fir-risposta taghha. L-konvenuta ghandha thallas l-invoice in kwistjoni kif tammetti hi stess fix-xhieda.

Ghaldaqstant it-Tribunal jichad l-eccezzjonijiet tal-konvenuta, jilqa’ t-talba attrici u jikkundanna lil konvenuta

sabiex thallas l-ammont ta' Lm171.24c (mija u wiehed u sebghin lira Maltin u erbgha u ghoxrin centezmu) bl-imghax mid-data tan-notifika tal-Avviz u cioe 8 ta' Awissu, 2002. Bl-ispejjez kontra l-konvenuta.

--------------------------------TMIEM--------------------------------